# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-30 ta' Gunju, 2016.**

**Rikors Numru 120/2016 SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs.**

**Sharon Caruana**
**(K.I. numru 444172 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat fuq indikat datat is-16 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu r-rapprezentant tal-istess bank rikorrenti sintetikament ikkonfermat is-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' kuntratt datat il-15 ta' Mejju, 2006 u zewg (2) skritturi privati rispettivament datati s-27 ta' Frar, 2010, u d-9 t'Ottubru, 2010, ikkonceda facilitajiet bankarji lill-intimata, (ara foll 5, 23 u 30, rispettivament);

1.2. Illi rizultat tal-istess l-intimata ghandha debitu ta' mija u tletin elf, tmien mija u sitta u disghin Ewro u erba` centezmi, (€130,896.04), favur il-bank rikorrenti, (ara foll 33 *et* sequitur), oltre l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Lulju, 2015, sad-data tal-effettiv pagament;

1.3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fid-dokumenti fuq indikati, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

1.4. Illi ghalkemm debitament interpellata biex thallas id-debitu minnha dovut l-intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 48);

1.5. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi privati fuq imsemmija;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimata thallas lill-bank rikorrenti s-somma ta' mija u tletin elf, tmien mija u sitta u disghin Ewro u erba` centezmu, (€130,896.04), bilanc ghad-debitu tal-intimata mall-bank rikorrenti, flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-24 ta' Lulju, 2015, sad-data tal-effettiv pagament;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti mill-istess bank rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Ezaminat id-dokumenti prodotti;

3. Semghet lix-xhud prodott;

Ikkunsidrat:

4. Illi minn ezami tad-dokumenti prodotti jirrizulta li l-intimata giet debitament notifikata skont il-ligi;

5. Illi *nonostante* d-debita notifika l-istess intimata ghazlet li tibqa` fi stat ta' kontumacja;

6. Illi *nonostante* wkoll li setghet taghmel sottomissjonijiet *ai* termini tal-artiklu 170 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' nota fir-registru tal-qorti jew fl-udjenza biex tattakka l-procedura odjerna bhala mhux regolari jew li ma tghoddx ghall-kaz, din baqghet inadempjenti;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi semghet lir-rapprezentant tal-bank rikorrenti li bil-gurament taghha:

7.1. Regghet ikkonfermat il-fatti kif esposti fir-rikors guramentat promotur;

7.2. Irribadiet li l-ammont hemm mitlub ghadu dovut mill-intimata;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-bank rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

8.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi privati fuq imsemmija;

8.2. Tikkundanna lill-intimata thallas lill-bank rikorrenti s-somma ta' mija u tletin elf, tmien mija u sitta u disghin Ewro u erba` centezmi (€130,896.04), bilanc ghad-debitu tal-intimata mall-bank rikorrenti flimkien ma' l-

imghaxijiet ulterjuri mill-24 ta' Lulju, 2015, sad-data tal-effettiv pagament;

8.3. Bl-ispejjez kif dedotti mill-istess bank rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess intimata Sharon Caruana.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**